

Brussell, 17 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11240/18

COJUR 12
COPS 271
CONUN 188
COAFR 191
JUR 372

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10884/18	COJUR 11 COPS 260 CONUN 169 COAFR 181 JUR 347
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-QORTI KRIMINALI INTERNAZZJONALI FL-OKKAŻJONI
TAL-20 ANNIVERSARJU TAL-ADOZZJONI TAL-ISTATUT TA' RUMA**

1. Fl-okkażjoni tal-20 anniversarju, fis-17 ta' Lulju 2018, tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma, il-Kunsill jiċċelebra l-kisbiet fil-qasam tal-ġustizzja kriminali internazzjonali matul dawn l-aħħar għoxrin sena u jenfasizza l-kontribut siewi tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għall-għlieda kontra l-impunità. Fi żmien meta l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli qed jiffaċċa dejjem aktar pressjoni, it-tisħiħ tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu hu aktar importanti minn qatt qabel.
2. Il-Kunsill jenfasizza, filwaqt li jqis ukoll l-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-UE, l-importanza kruċjali ta' ordni globali komuni bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, u jtenni l-appoġġ dejjem sod tal-Unjoni Ewropea għall-QKI u l-impenn tagħha li ġġedded l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-universalità u tippreserva l-integrità tal-Istatut ta' Ruma.
3. Il-Kunsill jilqa' l-attivazzjoni b'konsens tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti fuq id-delitt tal-aggressjoni mis-17 ta' Lulju 2018, biex b'hekk ikun sħiħ il-wirt tal-Proċessi ta' Nuremberg u tal-konferenzi ta' Ruma u Kampala tal-1998 u l-2010.
4. L-Unjoni Ewropea ilha sostenitur qawwi tal-Qorti sa mill-ħolqien tagħha u użat l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tgħin iżżid l-appoġġ għall-Qorti. Bħala l-ewwel u l-unika qorti kriminali internazzjonali permanenti tad-dinja għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar delitti serji, il-QKI turi d-determinazzjoni tal-komunità internazzjonali li ttemm l-impunità għall-aktar delitti faħxija u li trawwem kultura ta' rfigħ tar-responsabbiltà.

5. Il-Qorti għamlet avvanzi storiċi fil-ħarsien ta' dawk fl-aktar sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, inkluż l-għoti ta' verdetti kruċjali dwar il-vjolenza sesswali, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal u l-qerda ta' proprjetà kulturali. Il-Kunsill enfasizza r-rwol importanti tal-Qorti biex issir ġustizzja għall-vittmi ta' delitti atroċi, biex jingħataw leħen billi l-Qorti tagħmel possibbli s-sehem tagħhom fil-proċedimenti tagħha, u biex jingħataw assistenza u reparażżjonijiet. Il-Fond Fiduċjarju tal-Qorti għall-Vittmi ta' assistenza lil eluf ta' vittmi friabilitazzjoni fiżika u psikoloġika u f'għajjuna materjali. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Parti u oħrajn biex ikomplu jappoġġaw lill-Fond Fiduċjarju għall-Vittmi.
6. Il-Kunsill jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-integrazzjoni ta' perspettiva u analiżi dwar is-sessi fil-ħidma kollha tagħha u jinnota b'apprezzament il-ħidma tal-QKI b'rabta ma' dan. L-Unjoni Ewropea tenfasizza l-importanza ta' rappreżentazzjoni tas-sessi u ġeografika ġusta qalb l-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati, l-uffiċjali u persunal ieħor fil-Qorti, kif ukoll ta' rappreżentazzjoni tas-sistemi legali ewlenin tad-dinja.
7. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili fit-twaqqif u l-funzjonament tal-QKI u fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi, u jimpenja ruħu li jħares l-ispazju tas-soċjetà ċivili u jwieġeb għat-theddid li jsir fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jsaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar fil-periklu.
8. L-Unjoni Ewropea tassew jiddispijaċiha li l-Burundi rtira mill-Istatut ta' Ruma u li l-Filippini taw notifika tal-irtirar tagħhom. Tappella lill-gvernijiet rispettivi biex jerġgħu jikkunsidraw id-deċiżjonijiet tagħhom. L-UE tkompli tħeġġeġ lil dawk l-Istati li għadhom ma għamlux dan, speċjalment pajjiżi kandidati, biex jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma b'mod urġenti. Tistieden ukoll lill-Istati Parti, wara li jkunu qiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, biex jikkunsidraw jekk jirratifikawx jew jaċċettawx l-emendi tal-Istatut ta' Ruma.

9. Il-Kunsill jidhirlu li kwalunkwe tħassib ta' Stati Parti rigward l-Istatut ta' Ruma għandu jiġi indirizzat u diskuss fil-fora xierqa u jinkoraġġixxi lill-Istati kkonċernati jinvolve ruħhom f'deliberazzjonijiet kostruttivi u jaħdmu għal soluzzjonijiet li jkunu ta' għid reċiproku. Jinkoraġġixxi lill-Istati Parti biex jimxu fuq il-prinċipji tal-għaqda, il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà fid-dawl tal-miri komuni li jiġu żgurati kisbiet għall-ġustizzja internazzjonali u jinkisbu aktar effettività u effiċjenza fl-attivitajiet tal-QKI. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma lesti jisimgħu bir-reqqa u jieħdu sehem fi djalogu kostruttiv dwar it-tħassib mleħhen minn xi Stati, sakemm il-prinċipji ewlenin tal-Istatut ta' Ruma ma jiġux iddubitati. L-20 anniversarju tal-Istatut ta' Ruma hu opportunità unika biex dan isir b'mod sinċier, filwaqt li jiġi evalwat dak li nkiseb, iżda wkoll tiġi diskussa t-triq 'il quddiem.
10. Il-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Parti mal-QKI hi essenzjali biex il-Qorti tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. B'mod partikolari, l-eżekuzzjoni minnufih ta' mandati ta' arrest hi waħda mill-obbligi ewlenin għall-kooperazzjoni mal-Qorti. L-Unjoni Ewropea hi determinata li tippromwovi l-kooperazzjoni mal-QKI permezz tal-implimentazzjoni konsistenti tal-linji gwida tagħha dwar in-nonkooperazzjoni, inkluż dwar l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest pendent. Il-Kunsill jappella lill-Istati Parti kollha biex iħarsu b'mod sħiħ l-obbligi tagħhom skont l-Istatut ta' Ruma u jesploraw modi oħrajn kif jassistu lill-Qorti, ukoll billi jikkunsidraw il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni volontarji. Il-Kunsill ifakkar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn in-NU, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà, u l-Qorti.
11. Il-Kunsill ifakkar li l-QKI għandha tkun il-qorti tal-aħħar għażla li tikkomplementa u mhux tiegħu post il-qorti nazzjonali. Il-Kunsill għaldaqstant jenfasizza l-importanza tal-komplementarjetà u l-kooperazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u l-Qorti bħala waħda mill-aktar elementi importanti tal-Istatut ta' Ruma u jimpenja ruħu li jippromwovi t-tisħiħ tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. B'rabta ma' dan, il-Kunsill jilqa' l-isforzi ta' komplementarjetà li saru mill-Uffiċċju tal-Prosekutur u jenfasizza l-valur fuq perijodu twil ta' sforzi nazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti internazzjonali l-aktar serji.

12. Il-Kunsill jisħaq dwar il-ħtieġa li l-QKI tkompli tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika interna u esterna tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-Qorti ssir parti integrali mid-diskussjonijiet tagħha dwar id-dritt umanitarju internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem, it-tiswir tal-paċi u r-risoluzzjoni ta' konflitti, u jtenni l-impenn tiegħu li jagħti appoġġ diplomatiku kostanti lill-Qorti biex jiġi żgurat li tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv.
13. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tippreżenta proposti għal passi oħrajn possibbli marbutin ma' kif l-UE tista' tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet u l-istrutturi tagħha biex issaħħaħ il-viżibbiltà u l-koerenza tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja kriminali internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali.
14. Il-Kunsill iqis li l-20 anniversarju tal-adozzjoni tal-Istatut ta' Ruma jippreżenta opportunità biex timxi 'l quddiem il-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar delitti serji ta' tħassib internazzjonali u biex jiġi appoġġat l-istat tad-dritt. Ifahha l-isforzi tal-Istati Parti biex ifakkru dan l-anniversarju b'avvenimenti differenti organizzati madwar id-dinja biex jiġi ċelebrat il-progress tal-ġustizzja kriminali internazzjonali u jinkoraġġixxi lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jippromwovu l-għarfien dwar il-QKI u l-Istatut ta' Ruma, partikolarment qalb iż-żgħażaġh.